MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 159/2013

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Joseph VANCELL [ID Nru. 97768M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-21 ta' Marzu, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' erba' mija hamsa u hamsin euro u disgha u hamsin ċenteżmi ta' euro [€455.59] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' erba' mija u hamsa u hamsin ewro u disgha u hamsin ċenteżmi (€455.59) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C80027383 moghtija mis-socjeta attriċi skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-

Registru Elettorali u Dok IZY4 – kopja ta’ ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-12 ta’ April, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“1) Illi fl-ewwel lok jinghad illi il-kont mertu tal-prezenti kawża kien suġġett tal-kawza numru 72/2012/VG2 fl-ismijiet GO p.l.c. (C-22334) vs. James Vancell u b’sentenza tat-28 ta’ Gunju 2012 (kopja annessa Dok JV 1) it-Tribunal sab lil James Vancell responsabbli ghall-hlas tal-kont de quo. Din is-sentenza hija res judicata u ghalhekk l-esponenti ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2) Illi fit-tieni lok, u bla preġudizzju ghas-suespost, l-ammont mhuwiex ġustifikat;

3) Illi inoltre, il-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Art. 2156(f) tal-Kap. 16.

Bl-ispejjez”;

Ra l-verbal tat-13 ta’ Novembru, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta’ €455.59

liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bil-kont numru A/C80027383 moghtija mis-socjeta rikorrenti lill-intimat. L-intimat wieġeb ghal din it-Talba tas-socjeta rikorrenti billi qal li l-kont mertu tal-kawza preżenti kien suġġett tal-kawza numru 72/2012 fl-ismijiet GO p.l.c. vs James Vancell deċiża fit-28 ta' Gunju, 2012 fejn it-Tribunal kien sab lill-imsemmi James Vancell bhala responsabbli ghal hlas ta' dan il-kont, liema sentenza hija llum il-gurnata res judicata. Ghalhekk huwa ma jistax jiġi tenut responsabbli li jhallas dan il-kont u konsegwentement ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Qal ukoll li l-ammont ma huwiex ġustifikat u fl-ahhar nett eccepixxa l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidra;

2. L-intimat xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Huwa qal li qatt ma rcieva xi talba ghal hlas ta' dak li qeghda titlob minghandu s-socjeta rikorrenti. Isostni ukoll li mat-talba odjerna gietipprezentata ittra ufficjali kontra James Vancell li ma huwiex hu. Qal li huwa skopra li kien hemm decizjoni ta dan it-Tribunal li kkundanna lil James Vancell sabiex ihallas l-ammont li issa qieghed jintalab minghandu ghar-rigward ta' l-istess kont u cioe dak bin-numru A/C80027383. Qal li hu ma ghandux idea min hu jew jista jkun dan James Vancell. Sostna ukoll li "*da parti tieghi jiena nsostni li ma ghandi naghti xejn lil GO p.l.c.*" (fol. 22).

L-intimat zied ighid li s-socjeta rikorrenti pprezentat *offer form* fejn hemm il-firma tieghu pero jsostni li din l-*offer form* hija ghal kont differenti minn dak li qeghda titlob il-hlas tieghu l-istess socjeta rikorrenti. Dan peress li "*... fuq l-offer form l-account number huwa A/C 40073874 mentri l-istatement tal-kont esebit huwa ghal kont A/C 80027383*" (fol. 22). Qal li din l-*offer form* ukoll ma taqbilx mal-istatement esebit ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-data u ma' l-ammont. Qal li l-*offer form* hija datat 15 ta' Jannar, 2007 filwaqt li l-istatement jibda fid-19 ta' Lulju, 2007. Huwa qal li jimmagina li s-socjeta rikorrenti hadet zball amministrattiv fil-konfront tieghu.

Ghalaq ix-xhieda tieghu bil-procedura ta’ l-affidavit billi qal li mill-istatement esebit jidher li hafna ammonti minn dawk li qeghda tallega s-socjeta rikorrenti li huma dovuti “*lahqu ghaddew hames (5) snin fuqhom qabel ma nfethet il-kawza*” (fol. 22) u “*Nerga ntenni li ebda ammont ma hu dovut u li lanqas qatt ircevejt xi ittri ufficjali ghall-hlas*” (fol. 22).

Fis-seduta tat-13 ta’ Novembru, 2013 sar il-kontro-ezami ta’ l-intimat fejn qal li huwa kellhu kont mas-socjeta rikorrenti ghar-rigward tat-telefonija fissa. Qal pero li huwa ma ghandux kontijiet mas-socjeta rikorrenti u lanqas juza xi servizz taghha. Zied ighid li s-servizz li hemm huwa fuq isem martu u n-numru ta’ dak is-servizz huwa 21375870. Mistoqsi jekk jaghrafx il-firma tieghu fuq id-dokument li hemm a fol. 3 tal-process cioe l-*offer form* (fol 4) l-intimat wiegeb fl-affermattiv u zied ighid ukoll li l-indirizz hemm indikat kien tad-dar matrimonjali tieghu, liema dar kienet inbieghet bil-procedura tas-subasta. Qal li kellu kont mas-socjeta rikorrenti, liema kont huwa kien hallsu u in sostenn ta’ dan huwa esebixxa ricevuta datata 26 ta’ Awwissu, 2011 fl-ammont ta’ €161.63. Il-kont li ghalih sar dan il-hlas iggib in-numru 40073874 (fol. 27). Mistoqsi dwar in-numru li hemm fuq l-*offer form* u cioe n-numru 21384059, l-intimat wiegeb u qal li dan mhuwiex in-numru tieghu. Fz-zmien meta mar jaghlaq dan il-kont, huwa kellu kont wiehed.

3. Illi l-intimat esebixxa kopja tas-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal fit-28 ta’ Gunju, 2012 fl-ismijiet GO p.l.c. vs James VANCELL. Minn din is-sentenza jirrizulta li s-socjeta rikorrenti talbet il-hlas tas-somma ta’ €455.59c minghand James Vancell, liema ammont kien dovut in konnessjoni ma’ servizzi ta’ komunikazzjoni ghar-rigward tal-kont numru 80027383. Minn qari ta’ din is-sentenza jirrizulta ghalhekk li l-kont imsemmi huwa l-istess wiehed bhal kont imsemmi fil-proceduri odjerni u l-istess haġa ghar-rigward ta’ l-ammont li huwa identiku ukoll. L-unika haġa differenti huwa l-isem tal-intimat f’dawk u dawn il-proceduri. Fis-sentenza tat-28 ta’ Gunju, 2012 huwa James, mentri fil-proceduri odjerni huwa Joseph.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. L-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat hija fis-sens li l-kont mertu tal-prezenti kawża kien il-mertu tas-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet GO p.l.c. vs James Vancell (Talba Nru. 72/2012) deċiża fit-28 ta' Gunju, 2012. L-intimat ighid li t-Tribunal kien sab lil James Vancell responsabbli ghal hlas ta' l-ammont mitlub f'dawn il-proceduri odjerni lill-imsemmi James Vancell u issa ma jistax isibu lilu responsabbli ghalih. Ikompli jghid li anke l-kont f'dik il-kawza huwa l-istess bhal dak fil-kawza odjerna. Ghalhekk, apparti li s-sentenza hija res judicata, huwa kellu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Diga rajna li l-ammont mitlub fil-kawza GO p.l.c. vs James Vancell huwa l-istess bhal dak reklamat fil-proceduri odjerni u li n-numru tal-kont f'dik il-kawza huwa l-istess bhal kaz odjern. L-uniku differenza li hemm bejn dik il-kawza u din tal-lum hija l-isem ta' l-intimat. Fis-sentenza huwa James u fil-kawza odjerna huwa Joseph. Minghajr hafna dilungar, it-Tribunal huwa tal-fehma li din l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat tar-res judiciata ma ghandhiex tintlaqa u dan peress li wiehed mill-elementi neċessarji sabiex din l-eccezzjoni tintlaqa huwa mankati. James Vancell indikat fis-sentenza u Joseph Vancell f'dawn il-proceduri ma humiex l-istess persuna. Fi kliem l-intimat stess "*jiena dan James Vancell m'ghandix idea min hu jew min jista jkun*" (fol. 22). Apparti minn hekk, l-intimat fl-istess eċċezzjoni jghid li James Vancell diġà kien instab responsabbli ghal hlas ta' dan il-kont u allura huwa ma jistax jinstab responsabbli ghal istess. Anke din is-sottomissjoniji hija skorretta. Ma hemm xejn xi jżomm lis-socjeta rikorrenti mill-tipprocedi kontra l-intimat odjern anke jekk hija ghandha sentenza kontra persuna ohra. Dan bhal meta jkollok żewġ debituri u r-rikorrenti jiddeċiedi li jmexxi kontra wiehed u imbaghad wara li jottjeni sentenza kontra wiehed mid-debituri jiddeċiedi li jmexxi kontra d-debitur l-iehor. Ovvjament is-socjeta rikorrenti ma tkunx tista tiġbor l-istess ammont minghand

iz-żewġ debituri l-ghaliex ma huwiex permissibbli mil-ligi iżda ma hemm xejn kontra li jistghu jsiru żewġ kawżi kontra żewġ persuni differenti fuq l-istess debitu. Ghalhekk din l-eccezzjoni ta' l-intimat qeghda tiġi michuda.

6. It-tieni eċċezzjoni hija fis-sens li l-ammont ma huwiex ġustifikat. It-Tribunal jifhem li l-intimat qieghed jghid li l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta rikorrenti.

7. Inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)*[1]*.*

*(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'*[2]*.*

(3) *Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir*

---

[1] Ara **Francesca Mallia vs Salvatore Guillaumier** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962 (Kollez. Vol. XLVI.I.5);

[2] Ara **Joseph Zammit vs Joseph Hili** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1953 (Kollez. Vol. XXXVII.I.577);

*bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat*;

8. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[3].

9. F'dan il-kaz, is-socjeta rikorrenti resqet biss provi dokumentarji. L-intimat xehed bil-procedura ta' l-affidavit u qal li l-kont numru indikat fuq l-*offer form* (fol. 4) huwa differenti mill-kont numru indikat a fol. 3 tal-process. Dan ta' l-ahhar huwa l-istess numru tal-kont indikat fit-talba. It-Tribunal jistqarr li l-provi mressqa mis-socjeta rikorrenti ma jwassluhx ghal konvinċiment tieghu li l-intimat ghandu jaghti xi flejjes lis-socjeta rikorrenti. Ibda biex din l-inkonsistenza li ghadha kif ġiet imsemmija u cioe li n-numru tal-kont fuq *offer form* huwa differenti min-numru tal-kont esebit mis-socjeta rikorrenti mat-Talba odjerna. Imbaghad hemm il-pagament li ghamel l-intimat fis-26 ta' Awwissu, 2011 fuq il-kont numru 40073874. Dan il-kont qatt ma ssemma mis-socjeta rikorrenti u cioe li l-intimat kellhu iżjed minn kont wiehed maghha. Meta sarlu l-kontro-ezami tieghu, l-intimat, ghall-mistoqsija "*... kemm il-kont kelli mas-socjeta rikorrenti dak iz-zmien li mort naghlaq il-kont*" (fol. 25-26) wieġeb u qal li "*kelli package*

[3] Ara **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Gunju, 1912 (Kollez. Vol. XXIV.I.104);

*wiehed*" (fol. 26). Mehud kollox flimkien, it-Tribunal jiddikjara li s-socjeta rikorrenti ma irnexxilhiex tikkonvincih fuq bażi ta' probabilita li hija kreditrici ta' l-intimat fl-ammont reklamat minnha f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat u konsegwentement jiddikjara li huwa gie mharrek tajjeb f'dawn il-proceduri, qieghed jilqa t-tieni eċċezzjoni tieghu u konsegwentement qieghed jghaddi biex jichad it-talba tas-socjeta rikorrenti bl-ispejjez kontriha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------